**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 12 ta' Mejju 2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Vs**

**ELIZABETH MUSCAT**

**KUMP NUMRU: 365/2019**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata, Elizabeth Muscat, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0054581M, giet akkuzata talli nhar it-23 ta' Mejju, 2019 għal ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs (0830hrs) u id-disgħa u kwart ta' filgħodu (0915hrs) ġewwa l-Bank of Valletta fi Triq in-Naxxar, San Ġwann:

1. Inġurjat, heddhet jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' WPC 344 Abigail La Ferla, persuna inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienu qed tagħmel dan is-servizz, bil-ħsieb li tbeżża' jew tinfluixxi fuqha kontra il-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz; Artiklu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Attakkat jew għamlet resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra WPC 344 Abigail La Ferla, persuna inkarigata skont il-liġi min servizz pubbliku, fil-waqt li kienet taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti; Artikolu 96 (a) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed l-ħajja ta' WPC 344 Abigail La Ferla f'periklu ċar, ikkaġunatilha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa; Artikoli 214, 215, 221 (1) u 222 (1)(ċ) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Bl-imġieba tagħha, ikkaġunat lil WPC 344 Abigail La Ferla u persuni oħra biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħhom; Artikoli 251B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (u cioe' WPC 344), jew ma ħallietx jew fixklet waqt li kienet tagħmel id-dmirijiet tagħha, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlet fi dmir, billi ma ħallietx lill-WPC 344 tagħmel dak li b'liġi kienet ordnata jew setgħet tagħmel, jew billi ġabet fix-xejn jew ħassret dak li WPC 344 kienet għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun; Artikolu 338 (ee) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Ħebbet kontra WPC 344 Abigail La Ferla sabiex tinġurjha, idejjaqha jew tagħmlilha ħsara; Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. nġurjat jew heddedt lill-WPC 344 Abigail La Ferla, jew, jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni; Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
8. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Bżaqt xi sustanza għal fuq xi triq jew xi post pubbliku,baħar,jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depozitu jew tħollija ma kienx awtoriżżat b'liġi. Artikolu 4(e) Ewwel Skeda A.L. 344/05

10. Sirt reċidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija lilek mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula; Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Wettaqt reat li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation għall-tlett (3) snin b'sentenza mogħtija lilek mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. nhar it-23/10/2017; Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **WPC344 Abigail La Ferla**, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputata iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tad-19 ta` Gunju 2019 sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputata ammettiet ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghha u kompliet tinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatha zmien biex tahsibha skond il-ligi;

Semghet sottomissjonijiet dwar is-sanzjoni applikabbli;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra taghha gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta` sanzjoni din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputata;
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali ta` l-imputata;
4. Qeghda tqis pero`, b'attenzjoni partikolari, id-depozizzjoni tal-ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja fl-udjenza ta` llum stess. Din ghandha piz sostanzjali f'dan l-istadju tal-kontemplazzjoni ta' x'ghandha tkun l-ahjar sanzjoni f'dan il-kaz.

   Minn evalwazzjoni dettaljata li saret minn naha tad-dipartiment tal-probation dwar l-imputata, kif ampjament riflessa fid-depozizzjoni ta` l-ufficjal tal-probation, din il-Qorti tasal ghall-kokluzjoni li l-imputata ghamlet progress kbir fl-imgieba taghha matul dan l-ahhar zmien. Dan juri lil din il-Qorti li l-imputata lesta ghal kull ghajnuna u lesta tikkopera. Aktar importanti minn hekk, dan kollu ifisser li effettivament l-imputata gabet ruhha b'tali mod, naturalment f'dan l-ahhar zmien, li jindika b'mod car li hija kandidata tajba sabiex tinghata

***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra sanzjoni alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni moghtija dwar l-imputata kif gia hawn fuq imsemmi, li l-imputata ghandha titqieghed taht ordni ta' *probation*, liema sanzjoni, fil-fehema ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputata (li tinghata direzzjoni u ghanuna u jkollha fuqha kontroll idoneju) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehema ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputata, Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu hija tindirizza certu aspetti fil-hajja taghha, u b'hekk ikun jista' jigi zgurat li l-imputata tinghata gwida adekwata, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi.

**Konkluzjoni**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 96 (a), 214, 215, 221(1), 222(1)(c), 251B(1), 338(dd)(ee), 3391(1)(d)(e), 49, 50, 412C, 533(1) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 4(e) tal-Ewwel Skeda A.L 344/05 ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Elizabeth Muscat, fuq ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghha, u** tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata titqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal tliet (3) snin millum bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation u tikkundannha ghall-multa ta' elf euro (€1000).

**Ordni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament taghha, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **PS**

**2344 (gia WPC344)** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hatja **Elizabeth Muscat** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Elizabeth Muscat** milli tavvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Elizabeth Muscat** milli tikkuntattja jew timmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputata bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputata **Elizabeth Muscat**.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur